**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 17 TA' GUNJU, 2002.**

**Avviz Nru: 598/02 AJD**

**Ark Publishing Limited.**

**vs**

**Adrian Debono.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm207.65) rappresentanti prezz ta' servizz ta' reklamar ipprovdut lilu mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 22 ta' Jannar 2002 u 15 ta' Ffrar 2002, u bl-imghax legali minn Ottubru 1999 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, baqa’ ma deherx u l-anqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Hubert Dalli, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u seba’ liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm207.65), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**